# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 18 ta' Ġunju 2017

Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum il-Knisja tiċċelebra s-solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu. Il-liturġija tistedinna sabiex nagħtu qima lill-ġisem u d-demm ta' Kristu sabiex inħossu fina l-ferħ tal-fidi tagħna li ssostni ruħha permezz ta' dawn l-ispeċi Ewkaristiċi.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Dewt 8, 2-3.14b-16a)

It-Testment il-Qadim jurina l-anke meta l-poplu Lhudi ħaseb li Alla nsieh, Alla xorta ftakar fih billi bagħtlu l-manna fid-deżert.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 146 (147), 12-13.14-15.19-20)

Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej

**It-Tieni Qari** (1 Kor 10, 16-17)

L-ispeċi Ewkaristiċi tassew jgħaqqduna ma' Kristu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**Sekwenza**

Inqumu bilwieqfa għas-sekwenza.

**L-Evanġelju** (Ġw 6, 51-58)

Fl-aħħar ikla mal-appostli, Ġesù ħalla lilu nnifsu għalina taħt sura ta' ħobż u nbid biex aħna nibqgħu ngawduh għal dejjem. Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Kristu ħallielna ġismu u demmu biex aħna ngawdu minnhom. Ejjew inroddu ħajr lil Alla ta' dan id-don hekk kbir u tal-għaġeb permezz ta' dawn l-offerti tagħna li ser jinbidlu fl-ispeċi Ewkaristiċi. Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-ħobż ħaj nieżel mis-sema jsostnin lil dawk kollha li bil-ferħ u l-qima jersqu biex jirċevuh. Ejjew aħna wkoll nersqu biex induqu minn dan il-ħobż li jagħti l-ħajja u d-demm li jifdina. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.